32005D0573R(01)

23.7.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA L 193/41

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2005 li temenda d-Deċiżjoni 2002/994/KE dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward tal-prodotti li ġejjin mill-annimali importati miċ-Ċina**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 327 M, tal-5 ta' Diċembru 2008)*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/573/KE għandha taqra:

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Lulju 2005

## li temenda d-Deċiżjoni 2002/994/KE dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward tal-prodotti li ġejjin mill-annimali importati miċ-Ċina

*(notifikata bid-dokument numru C(2005) 2764)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/573/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) Wara s-sejbien ta' residwi ta' mediċini veterinarji f'ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali importati miċ-Ċina, u n-nuqqasijiet identifikati waqt żjara ta' spezzjoni f'dak il-pajjiż fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-mediċini veterinarji u s-sistema ta' kontroll tar-residwi fl-annimali ħajjin u fil-prodotti ta' l-annimali, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2002/69/KE [2].

(2) Sussegwentement, l-awtoritajiet Ċiniżi implimentaw miżuri korrettivi u ġew ipprovduti informazzjoni addizzjonali u garanziji supplimentari. Flimkien mar-riżultati favorevoli tal-kontrolli mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, dawn il-miżuri ppermettew xi emendi għad-Deċiżjoni 2002/69/KE u l-adozzjoni sussegwenti ta' għadd ta' miżuri li jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali miċ-Ċina. Dawn l-emendi ġew ikkonsolidati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/994/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-prodotti li ġejjin mill-annimali importati miċ-Ċina [3], li rrevokat id-Deċiżjoni 2002/69/KE.

(3) Ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri fuq il-prodotti awtorizzati għall-importazzjoni mindu bdiet tapplika d-Deċiżjoni 2004/621/KE tas-26 ta' Awissu 2004 huma ġeneralment favorevoli. Dan jippermetti l-konsiderazzjoni li tiġi awtorizzata l-importazzjoni ta' l-għalf tal-pets miċ-Ċina. Fid-dawl tar-riskju negliġibbli għall-konsumaturi, jixraq li d-Deċiżjoni tiġi emendata biex tirrifletti dan.

(4) Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza legali fuq il-firxa ta' prodotti mill-annimali li l-importazzjoni tagħhom miċ-Ċina hija pprojbita, jixraq li t-test tad-Deċiżjoni 2002/994/KE jiġi ċċarat.

(5) Id-Deċiżjoni 2002/994/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2002/994/KE hi emendata kif ġej:

1. L-Artikoli 2 u 3 huma ssostitwiti minn dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni skond il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali applikabbli għall-prodotti kkonċernati, u skond l-Artikolu 3 fil-każ ta' prodotti elenkati fil-Parti II ta' l-Anness.

[1] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

[2] ĠU L 30, 31.1.2002, p. 50. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2002/933/KE (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 71).

[3] ĠU L 348, 21.12.2002, p. 154. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2004/621/KE (ĠU L 279, 28.8.2004, p. 44).

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' konsenji tal-prodotti elenkati fil-Parti II ta' l-Anness akkompanjati minn dikjarazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Ċiniża li tistqarr li kull konsenja kienet soġġetta, qabel intbagħtet, għal test kimiku sabiex ikun żgurat li l-prodotti ikkonċernati ma jippreżentawx xi periklu għas-saħħa tal-bniedem. Dan it-test għandu jitwettaq, b'mod partikolari, bil-ħsieb li tiġi osservata l-preżenza tal-*Chloramphenicol* u n-*Nitrofuran* u l-metaboliti tiegħu. Ir-riżultati tal-kontrolli analitiċi għandhom ikunu inklużi."

2. L-Annes jiġi ssostitwit mit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-26 ta' Lulju 2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS*

**PARTI I**

**Lista ta' prodotti li ġejjin mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew għall-użu bħala għalf lill-annimali li l-importazzjoni tagħhom fil-Komunità hija awtorizzata mingħajr l-attestazzjoni prevista mill-Artikolu 3:**

— Prodotti tas-sajd, ħlief:

  — dawk miksuba permezz ta' l-akwakultura,

  — gambli mqaxxrin u/jew ipproċessati,

  — *Crayfish* ta' l-ispeċi *Procambrus clarkii* maqbuda f'ilma ħelu naturali permezz ta' operazzjonijiet tas-sajd.

— Ġelatina.

— Għalf tal-pets kif irregolat taħt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1).

**PARTI II**

**Lista ta' prodotti li ġejjin mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew għall-użu bħala għalf lill-annimali li l-importazzjoni tagħhom fil-Komunità hija awtorizzata, suġġetta li tkun akkumpanjata mill-attestazzjoni prevista mill-Artikolu 3:**

— Prodotti tas-sajd mill-akkwakultura.

— Gambli mqaxxrin u/jew ipproċessati.

— *Crayfish* ta' l-ispeċi *Procambrus clarkii* maqbuda f'ilma ħelu naturali permezz ta' operazzjonijiet tas-sajd.

— Imsaren (*Casings*).

— Laħam tal-fenek.

— Għasel.

— Royal Jelly.

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1."